




INIZJATTIVA TAÇ-ĊITTADINI EWROPEJ


Kif tfittex sħab



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA – FITTEX PARIR

| WERREJ

Trawwim tal-involviment taċ-ċittadini fil-politika tal-UE	3
Il-grupp ta' organizzaturi	4
Sħab biex jappoġġjaw il-grupp ta' organizzaturi u l-kampanja	5
Sorsi oħrajn biex tfittex sħab	7
Żomm l-isħab tiegħek motivati u impenjati	8



1

Trawwim tal-involviment taċ- ċittadini fil-politika tal-UE

Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea. Hemm bosta modi li bihom l-Ewropej jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt (eż. petizzjoni lill-Parlament Ewropew, parteċipazzjoni f'Konsultazzjonijiet Pubbliċi, indirizzar lill-Ombudsman Ewropew, eċċ). Madankollu, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tibqa' għodda unika disponibbli għaċ-ċittadini biex jissettjaw l-aġenda tal-istituzzjonijiet tal-UE.

Jekk iċ-ċittadini organizzati fi grupp ta' organizzaturi jkunu jistgħu jiġbru miljun firma minn tal-anqas seba' Stati Membri fi żmien 12-il xahar, huma jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tas-setgħat tagħha (ara n-nota ta' gwida dwar **Kif tabbozza inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej**), biex tipproponi leġiżlazzjoni bl-għan li timplimenta t-Trattati.

Għal aktar dettalji dwar il-proċedura, jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' gwida dwar il-**Passi proċedurali**.

Din in-nota ta' gwida tindirizza l-isfida tal-bini ta' koalizzjoni soda ta' sħab billi jiġu pprovduti sorsi li jistgħu jintużaw mill-organizzaturi, kif ukoll pariri u suġġerimenti li jgħinuhom isibu s-sħab ġusti.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kampanja, jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' gwida **Kif issir kampanja**.



Storja ta' suċċess

Stop Vivisection ġabret aktar minn miljun firma bis-saħħa tal-appoġġ ta' alleanza fl-UE kollha ta' aktar minn 250 grupp għall-protezzjoni tal-annimali, organizzazzjonijiet xjentifiċi u kumpaniji li jbigħu prodotti "ħelsin mill-moħqrija tal-annimali".



2

Il-grupp ta' organizzaturi

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jkun ifformat tal-anqas minn seba' ċittadini tal-UE li għandhom biżżejjed età sabiex jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u li jgħixu tal-anqas f'seba' Stati Membri tal-UE differenti (mhix in-nazzjonalità tagħhom li tgħodd, iżda l-postijiet ta' residenza tagħhom).

Persuni ta' kuntatt – rappreżentant wieħed u sostitut wieħed – se jkunu maħturin biex jikkellmu u jaġixxu f'isem il-grupp mal-Kummissjoni. Il-grupp ta' organizzaturi jista' jinnomina żewġ persuni oħrajn magħżulin minn fost il-membri tal-grupp li jaġixxu f'isem il-persuna ta' kuntatt fil-każ li ma tkunx disponibbli. Hu possibbli wkoll li tinħoloq entità ġuridika li se tirrappreżenta l-grupp ta' organizzaturi. Il-ħolqien ta' entità ġuridika bħal din jippermetti l-limitazzjoni tar-responsabbiltà tal-membri tal-grupp ta' organizzaturi. Iżżid ukoll il-viżibbiltà tal-inizjattiva. Madankollu, din l-entità ġuridika għandha tinħoloq skont ir-regoli ta' Stat Membru. L-isfida mbagħad tkun li tintgħażel il-forma ġuridika u l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż l-aktar adatt għall-ħtiġijiet tal-inizjattiva u l-grupp ta' organizzaturi.



Suġġerimenti

- Uża t-taqsimha CONNECT tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.
- Agħżel nies li tista' toqgħod fuqhom u ta' esperjenza bħala membri tal-kumitat taċ-ċittadini Ewropej.
- Uża l-organizzazzjonijiet sħab tiegħek biex tidentifika l-kelliema perfetti għall-inizjattiva.



3

Sħab biex jappoġġjaw il-grupp ta' organizzaturi u l-kampanja

Is-sħab tal-inizjattiva huma d-diversi individwi u organizzazzjonijiet li se jestendu u jampifikaw il-messaġġi tiegħek biex jgħinu jitqajjem għarfien tal-kampanja u jipperswadu lin-nies jiffirmaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

Filwaqt li l-organizzaturi se jkollhom diġà kuntatti mill-qrib ma' wħud minnhom, oħrajn se jkunu meħtiġin li jiġu rekrutati. Għal dan l-għan, il-grupp ta' organizzaturi għandu jwettaq awditu sħiħ tas-sostenituri potenzjali fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew fil-kategoriji li ġejjin:

- **intermedjarji** – organizzazzjonijiet bi sħubija li jissimpatizzaw mas-suġġett tal-inizjattiva bħal trade unions, NGOs, assoċjazzjonijiet, eċċ.
- **sponsors** – uħud mill-intermedjarji għandu mnejn ikunu lesti li jappoġġjaw il-kampanja (b'fondi jew permezz ta' appoġġ "in natura"); għandu mnejn ukoll tixtieq li tikkunsidra tavviċina fondazzjonijiet karitattivi rilevanti
- **influwenzaturi** – politiċi, ġurnalisti u "ċelebritajiet" li huma lesti li jappoġġjaw l-inizjattiva tiegħek jistgħu jsaħħu l-ġbir tal-firem u jagħtu għarfien lill-inizjattiva fl-istess waqt
- **voluntieri** – il-komunitajiet online li jsegwu l-organizzaturi u l-organizzaturi sħab jew li jinġabru madwar hashtags b'tema speċifika rilevanti huma sors importanti ta' voluntieri li se jgħinu biex iwasslu l-messaġġi tal-kampanja f'dawk il-komunitajiet, kemm online kif ukoll offline, u biex jinġabru l-firem..



Hawn taħt jinsabu xi passi li għandek issewvi meta tikkuntatta sieħeb potenzjali:

1. Fittex organizzazzjonijiet fi Stati Membri oħrajn li jaqsmu l-istess interessi tiegħek.
2. Irranġa laqgħa/sejħa kmieni kemm jista' jkun.
3. Spjega l-inizjattiva tiegħek, kif is-sieħeb potenzjali jista' jikkontribwixxi u x'jista' jkun il-benefiċċju għal din l-organizzazzjoni. Dan jgħin biex jikkonvinċih biex ikun involut u attiv
4. Jekk sħab potenzjali huma lesti li jappoġġjaw l-inizjattiva tiegħek, iddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u l-aspettattivi.
5. Jekk huma ma jkunux lesti li jgħinu, staqsi għal rakkomandazzjonijiet ta' oħrajn li għandu mnejn ikunu interessati.



Storja ta' suċċess

Kemm il-Papa Franġisku kif ukoll il-Papa Benedittu XVI appoġġjaw pubblikament l-inizjattiva One of us.



Suġġerimenti

- Staqsi għal ittri formali ta' appoġġ mill-akbar numru ta' sħab possibbli. Flimkien, huma se jiffurmaw ekosistema biex jixxerjaw u jferrxu l-messaġġi tal-kampanja tagħkom.
- L-NGOs u l-assoċjazzjonijiet Ewropej spiss huma mgħammrin tajjeb bir-riżorsi u għandhom sistemi u networks ta' komunikazzjoni żviluppati tajbin. Użahom!
- Il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom kuntatti tajbin fi Brussell u għandu mnejn jgħinuk biex jinfetħulek il-bibien hemmhekk. Ikkuntattjahom!
- Uża in-networks ta' kuntatti tiegħek stess bħala mod addizzjonali biex tfittex sħab: familja, ħbieb, konnoxxenzi, ġirien, kollegi tax-xogħol, tal-iskola jew tal-università.
- Użu attiv tal-media soċjali (Twitter, Facebook, Instagram, LinkedIn, eċċ.) jista' jsaħħaħ b'mod sinifikattiv iċ-ċansijiet tal-organizzaturi li jilhqqu sħab potenzjali.
- Iffoka l-kampanja fuq pajjiżi li fihom it-tema tal-inizjattiva diġà familjari ħafna.
- Is-sħab se jkollhom raġunijiet differenti biex jappoġġjaw l-inizjattiva, għalhekk żgura ruħek li koll jaqsmu interess komuni: is-suċċess tal-inizjattiva tiegħek!



Sib sħab qabel ma tniedi l-inizjattiva tiegħek! Il-kampanja hi fit-triq it-tajba jekk is-sħab tiegħek huma...

- numerużi
- diversi
- proattivi
- mifruxin fl-UE kollha



Storja ta' suċċess

Wara li l-inizjattiva Right2Water ġiet spjegata fi skeċċ f'ħin ta' trasmissjoni ewlieni Ġermaniż, iŋgabru madwar 200 000 firma fil-jiem ta' wara!



4

Sorsi oħrajn biex tfittex sħab

Ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE

Ir-Reġistru ta' Trasparenza hu reġistru volontarju li jkopri l-organizzazzjonijiet li jipprovaw jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE.

Minn kumpaniji privati, assoċjazzjonijiet tal-industrija u konsulenti għal NGOs, aġenziji, think-tanks, istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi u municiplitalijiet, kull xorta ta' organizzazzjonijiet jinsabu f'din il-bażi tad-data. Madwar 12,000 reġistrant jixxerjaw l-informazzjoni relatata mas-siti web tagħhom, il-kuntatti ta' dettall, l-għanijiet, l-attivitajiet speċifiċi, l-istaff, il-baġit u oqsma ta' interessi oħrajn.



Siti web utli oħrajn biex jinstabu sħab:

- [Ngonorway.org](https://www.ngonorway.org) – [Search for partners](#) joffri informazzjoni dwar sħab li jinsabu f'16-il Stat Membru differenti tal-UE.
- [NGOPartnership.org](https://www.ngopartnership.org) jista' jintuża biex jinstabu sħab NGOs mill-Ewropa kollha.
- [Ideal-ist Partner Search](#) hu network internazzjonali tal-ICT.

Tista' ssir tfittxija ġenerali billi jiddaħħal kliem ewlieni bħal "ambjent", "protezzjoni tad-data", "kummerċ", "konsumaturi", "żgħażaġh", "trasport" jew "tassazzjoni". Tfittxija aktar iddettaljata tista' ssir ukoll fit-Tab "Rapportar tad-data". Minn fuq għal isfel, il-kategoriji tat-tfittxija jmorru minn taqsima jew tip ta' organizzazzjoni, għal lokazzjoni, livell ta' interess (Ewropew, globali, nazzjonali, reġjonali jew lokali), oqsma ta' interessi, eċċ.

5

Żomm l-išhab tiegħek motivati u impenjati

Ladarba tkun laqqajt madwarek numru kbir ta' šhab, għandek toħloq ukoll il-kundizzjonijiet xierqa biex taħdem flimkien magħhom u żżommhom motivati tul il-kampanja. Għal dan il-għan, għandek:

- Toħloq sett komuni ta' valuri biex ikunu jistgħu jintlaħqu ċ-ċittadini;
- Tistabilixxi objettivi ċari u realistiċi u tiddefinixxi miri għal kull sieħeb tul il-kampanja kollha;
- Tiżviluppa sens ta' komunità bl-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari online u, jekk possibbli, laqgħat b'attendenza personali;
- Żomm lil šhabek infurmati dwar il-progress li jkun sar u pprovdilhom feedback pożittiv ladarba jintlaħqu l-objettivi sabiex jinżamm il-moral jinżamm għoli.



Storja ta' suċċess

L-organizzaturi ta' Stop glyphosate għamlu lista ta' organizzazzjonijiet nazzjonali li kienu lesti li jipparteċipaw fil-kampanja u ħadmu magħhom individwalment.



Għal aktar dettalji dwar kif il-ħames inizjattivi li rnexxew fittxew šhab, jekk jogħġbok irreferi għall-iskedi informattivi dwar stejjer li rnexxew:

- [One of us](#)
- [Right2Water](#)
- [Stop glyphosate](#)
- [Stop vivisection](#)
- [Minority SafePack](#) (għadha mhix disponibbli)

L-informazzjoni pprovduta hi indipendenti u ma tistax tiġi kkunsidrata li hi l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' kwalunkwe istituzzjoni nazzjonali jew tal-UE oħra. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli minn xi użu li jista' jsir tal-informazzjoni li tinsab hawn.